MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1050/1999/1

**John *sive* Ġanni FENECH**

**vs**

**Francis FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Mejju, 1999, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti kienu sħab flimkien f'xogħol ta' kostruzzjoni;

Illi iter alia n-negozju ta' bejniethom kien sfaxxa pero' kien baqa' pendenza waħda li tikkonċerna xogħol ta' bini u kostruzzjoni ta' dar ta' ċertu Angelu Xuereb f'Targa Gap;

Illi in effetti kien għad baqa' xi żbilanċ li kellu jieħu l-attur ta' l-aħħar ħdax-il xahar xogħol, liema flus kienu tħallsu lill-

konvent u l-istess konvenut kien irrikonoxxa dan b'ittra datata 1 ta' Frar 1990 (Dok. "A");

Illi l-konvenut interpellat biex iħallas dan il-bilanċ baqa' inadempjenti;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tillikwida dak dovut lill-attur mill-konvenut bħala sehemu mix-xogħol li sar f'dar ta' ċertu Anglu Xuereb f'Targa Gap kif fuq spjegat, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fl-14 ta' Diċembru, 1999, li biha eċċepixxa:

Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif jiġi ppruvat aħjar fit-trattazzjoni tal-kawza, l-istess attur hu fil-fatt debitur tal-konvenut; li qed jirreklama dan l-ammont perrmezz ta' kontro-talba preżentata kontestwalment;

Salvi dejjem eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrek flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet fl-14 ta' Diċembru, 1999, li biha ippremetta:

Illi kif jidher mill-iskrittura tas-27 ta' Jannar 1983 – Dok. FF1, Francis Fenech u John Fenech ftehmu li jaħdmu

flimkien fix-xogħol tal-ġebel, Francis Fenech bħala l-kuntrattur, u John Fenech bħala l-lavrant, u mill-profitti 20% jitħallsu għall-uzu tal-makkinarju u lil Francis Fenech u r-rimanenti 80% jinqasam ugwalment bejniethom;

Illi bi skrittura tat-8 ta' Mejju 1987 – Dok. FF2, huma ftehmu li b'effett mis-16 ta' Mejju 1987 ma jibqgħux flimkien, u ftehmu li jiġu likwidati l-pendenzi kollha ta' bejniethom;

Illi kif jidher mid-Dok. FF3 u FF4 John Fenech hu debitur ta' Francis Fenech fl-ammont ta' LM1346.91,0 (elf, tlett mija u sitta u erbgħin lira maltin u wieħedu disgħin ċenteżmu);

Jgħid, għalhekk, l-istess John Fenech għaliex din il-Qorti, in vista tal-premess, m'għandhiex:

1. Tikkundannah iħallas lil Francis Fenech is-somma fuq imsemmija ta' LM1346.91,0 (elf, tlett mija u sitta u erbgħin lira maltin u wieħed u disgħin ċenteżmu) ammont lilu dovut tax-xogħolijiet li kienu ħadmu flimkien, skond il-ftehim bejniethom;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-2 ta' Frar, 2000, li biha l-attur eċċepixxa:

Preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bla preġudizzju u fil-mertu, t-talbiet rikonvenzjonali għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi xejn m'hu dovut mill-attur lill-konvenut, anżi kif diġa premess fiċ-ċitazzjoni, huwa l-konvenut li huwa debitur ta' l-attur, kif ser jiġi

ampjament ippruvat waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat il-provvediment mogħti fl-24 ta' Jannar, 2001[1], fuq talba magħmula mill-attur dwar it-tressiq ta' dokumenti min-naħa tal-imħarrek;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Mejju, 2002[2], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Albert Borġ Costanzi bħala espert tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi Perit tekniku fil-11 ta' Settembru, 2002[3], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2003, waqt liema smigħ l-istess Perit tekniku xehed ukoll biex ifisser xi aspetti mill-konklużjonijiet tiegħu fir-relazzjoni mressqa minnu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur minnu mressqa fil-11 ta' April, 2003[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek bi tweġiba għal dik tal-attur fit-30 ta' April, 2003[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-28 ta' Mejju, 2003, tal-25 ta' Settembru, 2003, tal-11 ta' Diċembru, 2003, tal-1 ta' Marzu, 2004, u tal-1 ta' April, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġġ. 97-9 tal-proċess
[2] Paġ. 157 tal-proċess
[3] Paġġ. 162 sa 172 tal-proċess
[4] Paġġ. 177-9 tal-proċess
[5] Paġġ. 180-3 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' xogħol ta' bini. L-attur kien jaħdem bi sħab ma' ħuh l-imħarrek u qiegħed jippretendi ħlas ta' xi xogħol ta' bini li għamel miegħu f'lant partikolari;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li t-talba m'hijiex mistħoqqa u li mhux talli ma kellu xejn x'iħallas lill-attur, imma talli hu l-attur li għandu jagħtih. Għal dan il-għan, l-imħarrek ressaq talba rikonvenzjonali kontra l-attur biex jitolbu jħallsu s-somma hemm imsemmija;

Illi, mbagħad, l-attur, laqa' għall-kontro-talba billi qal li l-azzjoni rikonvenzjonali waqgħet billi għalqilha ż-żmien, u wkoll billi ċaħad li huwa b'xi mod debitur tal-imħarrek;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-partijiet huma aħwa. It-tnejn li huma kienu jaħdmu fil-ġebel u, bi ftehim li huma kienu għamlu b'kitba bejniethom f'Jannar tal-1983[6], kienu qablu li l-imħarrek ikun kuntrattur u l-attur ikun lavrant fl-appalti ta' bini u xogħlijiet oħrajn affini li jiksbu. F'dak il-ftehim kienu qablu wkoll dwar il-qsim tal-qligħ u dwar x'kellu jiġri kieku xi wieħed minnhom jimrad jew jiġi nieqes. Dan l-arranġament seħħ għal madwar erba' (4) snin sakemm inħallew minnu bi ftehim ieħor bil-miktub li sar f'Mejju tal-1987[7]. Huma bdew jaħdmu għal rashom minn hemm 'il quddiem. Fl-imsemmi ftehim kien hemm imniżżel ukoll liema kienu dawk ix-xogħlijiet li ħadmu flimkien u li kienu għad iridu jillikwidaw bejniethom il-ħlas dovut lil kull wieħed minnhom. Fost l-appalti li ħadmu kien hemm xogħol ta' bini ta' villa f'Tarġa Gap, proprjeta' ta' Angelo Xuereb[8]. Dwar dan l-appalt, fil-ftehim tal-1987, il-partijiet qablu li jibqgħu jaħdmu flimkien xi jiem oħrajn u li l-ħlas u l-qsim tal-qligħ isir skond il-ftehim tal-1983. L-imsemmi xogħol tkejjel għall-ħabta ta' Settembru tal-1992[9]. Din il-kawża nbdiet f'Mejju tal-1999;

[6] Dok "FF1" u "FF6", f'paġġ. 21-2 u 118-9 tal-proċess
[7] Dok "FF2" u "FF5", f'paġġ. 23-6 u 114-7 tal-proċess
[8] Dok "FF7", f'paġġ. 120-1 tal-proċess
[9] Dokti "FF8", "FF9" u "FF10", f'paġġ. 122 sa 140 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali li jsawru l-każ, irid jingħad li wara l-qafas sempliċi tal-azzjoni attriċi, hemm il-kwestjoni iżjed kumplikata tal-arranġamenti li seħħew bejn il-partijiet u l-ftehim tagħhom dwarhom. Kif indika l-Perit tekniku fis-seduta miżmuma minnu fit-12 ta' Lulju, 2002[10], huwa qies biss it-talba attriċi, bla ma daħal fil-kwestjoni tas-siwi tal-azzjoni rikonvenzjonali u dan minħabba l-"elementi legali" tagħha. Hawnhekk jidher li huwa kien qiegħed jirreferi għall-kwestjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-attur dwar il-kontro-talba li, kif sewwa irrimarka l-istess perit tekniku, hija materja li tmur lil hinn mill-aspetti tekniċi tal-każ. Hemm ukoll l-aspett ta' konteġġi reċiproċi, imnissla mit-talba rikonvenzjonali;

Illi, fl-ewwel lok, **għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** mqanqla mill-attur dwar it-taba rikonvenzjonali, jibda biex jingħad li din hija mibnija fuq iż-żmien ta' ħames snin maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Illi għandu jingħad li l-preskrizzjoni msemmija mill-attur biex iwaqqa' l-kontro-talba tal-imħarrek hija waħda minn dawk imsejħin "preskrizzjonijiet qosra". Għalhekk, kif inhu mgħallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bħal din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena għall-azzjoni ċivili. Għalhekk, preskrizzjoni bħal din għandha tingħata tifsira dejqa[11]. Issa jrid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu[12]. Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*;

Illi peress li l-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-

[10] Paġ. 160 tal-proċess

[11] Ara, per eżempju, Baudry-Lacantinerie et Tissier fit-*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile* (Vol. XXVIII, "*Della Prescrizione*" Par. 712)

[12] Ara P.A. GCD **9.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi et vs Maltacom p.l.c.***

interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus[13]. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus[14];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin imqanqla mill-attur dwar il-kontro-talba tal-imħarrek timmira li twaqqa' pretensjoni ta' ħlas tal-istess imħarrek. Din il-pretensjoni tirriżulta minn prospett[15] li jidher li sar mill-imħarrek f'xi żmien wara li l-aħwa kienu nfirdu mill-ftehim ta' sħubija li kienu ffirmaw fl-1983. L-imsemmi prospett ma jindika l-ebda data, firma jew imqar xi għamla ta' kunsens min-naħa tal-attur rikonvenzjonat. Iżda fil-ftehim li sar bejn il-partijiet f'Mejju tal-1987, kien ingħad li kien għad fadal xi pendenzi bejniethom li ma kinux għadhom ġew likwidati. Ma jidhirx lanqas li l-imħarrek qatt interpella lill-attur biex iħallsu l-ammont li huwa jgħid li għandu jitħallas mingħandu;

Illi f'ittra mibgħuta lill-attur mill-avukat tal-imħarrek fi Frar tal-1990[16], jingħad li "l-unika pendenza li fadal" bejniethom kienet il-kejl (u l-eventwali likwidazzjoni) tax-xogħol fil-villa ta' Xuereb fil-Mosta. Minn dokument maħruġ mill-imħarrek innifsu[17] jidher li, dwar dik l-"unika pendenza", l-imħarrek huwa debitur nett ta' ħuh l-attur u mhux kreditur tiegħu. Huwa ċar ukoll li l-azzjoni attriċi hija msejsa għal kollox fuq din l-"unika pendenza" u fuq l-ebda xogħol ieħor li sata' kien sar qabel bejn il-partijiet flimkien;

Illi għalhekk, jekk inhu minnu li l-imħarrek kellu kreditu favurih fil-konfront ta' ħuh l-attur, dan ma jidher li qanqal l-ebda pretensjoni kontrih bejn l-1990 u dak inhar li ressaq il-kontro-talba, jiġifieri aktar minn disa' (9) snin wara fl-

[13] App. Ċiv. **7.2.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Grech*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.397**)
[14] P.A. **19.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Pulliċino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.588**)
[15] Dok "FF4", f'paġ. 28 tal-proċess
[16] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[17] Dok "FF3", f'paġ. 27 tal-proċess

1999. Għal dan l-istat ta' fatt, l-imħarrek jissottometti[18] li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma kienx miexi billi kien għadu ma ġiex likwidat il-valur tax-xogħol imwettaq fil-villa ta' Xuereb. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument, u ssib li raġuni bħal din m'hijiex waħda minn dawk li l-liġi tqis bħala raġunijiet li jissospendu l-preskrizzjoni[19], għaliex lanqas jista' jingħad li l-kondizzjoni tal-kejl u l-eventwali likwidazzjoni tax-xogħol imwettaq tista' titqies bħala jedd kondizzjonali;

Illi wkoll kieku wieħed kellu jibda minn dak inhar li x-xogħol fl-imsemmija villa ġie mkejjel, jiġifieri fl-1992, wieħed xorta waħda jasal għall-konklużjoni li l-ħames snin li l-imħarrek kellu biex iressaq il-pretensjonijiet tiegħu kontra l-attur laħqu għaddew żmien qabel ressaq il-kontro-talba tiegħu;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-attur dwar il-kontro-talba tal-imħarrek hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi **għal dak li jirrigwarda t-talba tal-attur** irid jingħad li din hija waħda li titlob il-likwidazzjoni ta' dak li kien għadu dovut lilu mill-appalt tal-villa ta' Xuereb. Dwar din it-talba, tqabbad perit tekniku li fela d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet f'dak li jirrigwarda l-aspetti tekniċi tal-każ. Żamm 'il bogħod – kif sewwa kellu jagħmel – milli jidħol fi kwestjonijiet li jmorru lil hinn mill-ħatra u l-ħila tiegħu teknika. Għalhekk jista' jitqies li huwa wasal għal din il-fehma wara li ħa qies b'reqqa kbira tal-kostatazzjonijiet tekniċi u fattwali li ħarġu mill-provi, bi tqabbil sistematiku tal-konteġġi maħruġin kemm mill-imħarrek u kif ukoll minn terzi li kellhom x'jaqsmu mal-appalt u minn seduta ta' kjarifika li huwa żamm mal-partijiet;

Illi r-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 183 tal-proċess
[19] Artt. 2122 sa 2125 tal-Kap 16

jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[20]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[21], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[22];

Illi l-attur ukoll, wara li kien ressaq lill-istess Perit b'xhud biex jitolbu jagħmel xi kjarifiki, jiddikjara[23] li jaqbel perfettament mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku. Huwa l-imħarrek li jagħmel xi osservazzjonijiet dwar l-imsemmija konklużjonijiet u jorbothom mad-dokumenti li huwa ressaq matul is-smigħ tal-kawża. Il-Perit Tekniku wasal għall-fehma li l-attur għad fadallu jitħallas is-somma ta' Lm 1712.56 mingħand l-imħarrek dwar l-imsemmi appalt, u bena din is-somma sewwsew fuq il-prospett "FF3" maħruġ mill-imħarrek. Dan ifisser li l-Perit żied l-ammont ta' Lm 805.80 fuq kemm l-imħarrek kien iddikjara li l-attur kien għad fadallu jirċievi mingħandu;

Illi l-imħarrek jgħid li l-attur innifsu (fl-affidavit imressaq minnu fl-14 ta' April, 2000) iddikjara li kien tħallas iżjed minn dak l-imħarrek kien iddikjara li tah fil-prospett "FF3". Meta l-Qorti qrat b'reqqa l-istess affidavit tal-attur waslet għall-fehma li kien l-imħarrek li fehem ħażin x'ried jgħid l-attur, għaliex jidher li l-attur kien qiegħed jirreferi għall-ħlas li rċieva fl-ewwel sena meta daħal bħala lavrant bi sħab mal-imħarrek (jiġifieri fl-1983) u ma kienx qiegħed jirreferi għall-appalt tal-villa ta' Xuereb, li twettaq matul l-aħħar sentejn tal-isħubija tagħhom li ntemmet fl-1987. Għalhekk, ma jirriżultax li l-imħarrek seħħlu jxellef il-konklużjoni milħuqa mill-Perit dwar l-ammont li għandu jitħallas lill-attur;

[20] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[21] Art. 681 tal-Kap 12
[22] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)
[23] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġ. 178 tal-proċess

Illi minħabba li, għar-raġunijiet imfissrin hawn fuq, il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talba rikonvenzjonali, m'huwa sejjer jittieħed l-ebda qies tal-konteġġi u tal-pretensjonijiet tal-imħarrek dwarha;

Illi l-attur qiegħed jippretendi li, fuq is-somma likwidata, għandu jibda jgħaddi mgħax legali sa minn meta saru x-xogħlijiet, jiġifieri mill-1987. Din il-pretensjoni m'hijiex mistħoqqa. Għalkemm l-attur jgħid li l-kreditu tiegħu huwa wieħed kummerċjali, huwa prinċipju stabilit fil-liġi[24] li l-imgħax legali (ukoll fejn hemm obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali) jgħaddi minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita. Fil-każ preżenti, l-obbligazzjoni tal-ħlas ma kinitx marbuta mad-data meta sar ix-xogħol tal-appalt tal-bini tal-villa, imma ma' meta kellu jsir il-kejl tal-istess xogħol. Irriżulta li tali kejl sar minn tal-anqas ħames snin wara li ntemm ix-xogħol;

Illi, imbagħad, japplika wkoll il-prinċipju *in illiquidis non fit mora* speċjalment fejn, f'każ bħal dan, id-debitu ma jkunx jista' jiġi (u fil-fatt ma jkunx ġie) determinat b'ħeffa[25]. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toħroġ 'il barra minn din ir-regola f'dan il-każ, ukoll minħabba l-fatt li l-attur jidher li ħa ż-żmien tiegħu biex ressaq l-azzjoni tiegħu u, kif ingħad, ma ntweriex li kien wettaq xi forma ta' interpellazzjoni ġudizzjarja fil-konfront tal-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tillikwida l-ħlas bilanċjali li l-attur għandu jirċievi mingħand l-imħarrek bħala sehemu dwar xogħol ta' bini fl-ammont ta' elf seba' mija u tnax-il lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm 1712.56);

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u tnax-il lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu kif hekk likwidata;

---

[24] Art. 1141(1) tal-Kap 16

[25] App. Ċiv. **12.2.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***May Boffa vs Stella Camilleri*** (mhix pubblikata)

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-attur** dwar it-talba rikonvenzjonali tal-imħarrek u tiddikjara li l-istess kontro-talba waqgħet bil-preskrizzjoni ta' ħames snin;

**Tiċħad it-talba rikonvenzjonali** tal-imħarrek; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, magħduda dawk tal-provvediment mogħti fl-24 ta' Jannar, 2001, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata b'effett mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------